



Brussell, 29 ta' Novembru 2019
(OR. en)

14648/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0252(NLE)

SCH-EVAL 204
VISA 258
COMIX 557

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	14647/19
Suġġett:	Abbozz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2019 tal- Polonja rigward l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal- politika komuni dwar il-viżi

1. Wara l-adozzjoni mill-Kunsill tar-Regolament (UE) Nru 1053/2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen, grupp ta' esperti mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni wettaq evalwazzjoni tal-Polonja rigward l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-politika komuni dwar il-viżi fl-2019.
2. F'konformità ma' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni mfassla biex tindirizza n-nuqqasijiet identifikati matul dik l-evalwazzjoni u biex tiżgura li l-Polonja tapplika b'mod korrett u effettiv ir-regoli kollha ta' Schengen relatati mal-politika komuni dwar il-viżi.

3. Fis-27 ta' Novembru 2019, il-Grupp ta' Ħidma dwar Materji Relatati ma' Schengen (Evalwazzjoni), inkluż is-sħab tal-Kumitat Imħallat in-Norveġja, l-Iżlanda, l-Iżvizzera u l-Liechtenstein, approva l-proposta għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni.
4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jirrakkomanda li l-Kunsill jadotta l-abbozz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, kif jinsab fid-dokument 14647/19, bħala punt "A" f'waħda mil-laqgħat li jmiss.
